# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356)21689168, (0356)21641487
Telefax:(00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.g

Minuti

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Safi

Is-Seba' Legislatura

Laqgħa Numru 3/2019

14 ta' Frar, 2019

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f'40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Ħal Safi, fis-3:00pm.

Preżenti:

| | |
|---|---|
| Johan Mula: | Sindku |
| Francis Callus | Viċi-Sindku |
| Joanna Abdilla: | Kunsilliera |
| Publio Abdilla: | Kunsillier |

Assenti

| | |
|---|---|
| Carlo Stivala | Kunsillier |

Uffiċjal Preżenti:

| | |
|---|---|
| Doris Baldacchino: | Segretarju Eżekuttiv |

3.5 Rapporti

Is-Sindku qal illi peress illi kienet ġiet l-Accountant konna ser naqbżu l-Agenda u niddiskutu item 3.5 dwar ir-rapporti sabiex hija tkun tista' titlaq.

3.5.1 Approvazzjoni tar-Raba' Kwart tal-*Financial Report 2018*

Is-Segretarju Eżekuttiv tat kopja tar-raba *Quarterly Financial Statements* Q4 (Ottubru – Diċembru 2018) lis-Sindku u l-Kunsilliera kollha. Dan ġie approvat biex jiġi uploadjat.

3.5.2 Approvazzjoni Estimi Finanzjarji 2018

Is-Segretarju Eżekuttiv tat kopja tal-Estimi finanzjarji tas-sena 2018 lis-Sindku u l-Kunsillier kollha. L-Accountant spjegat kif is-sena 2018 konna ser nispiċċawha *b'accounting defecit* li rriżulta minħabba fit-tibdil kif nitrattaw id-*depreciation* u l-*grants* li nirċievu. Il-Kunsill approva dawn il-Financial Statements għas-sena 2018.

3.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi l-Kunsillier is-Sur Carlo Stivala ma kienx jiflaħ u ma kienx ser jattendi l-laqgħa. Huwa ġie skużat mil-laqgħa.

3.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Il-Kunsilliera qablu fuq il-Minuti tal-laqgħa preċidenti. Dawn ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

3.2.1 Is-Sindku qal li xtaq jagħti update fuq item 2.2.1 (Triq San Tumas). Huwa qal illi s-Surveyor kien ser jmur l-għada tal-laqgħa flimkien mal-Perit tagħna sabiex jimmarkaw il-livelli u qal ukoll illi flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kien ser jattendi laqgħa l-Arpa sabiex niddiskutu jekk nistgħux inqabdu l-kuntrattur li għandna għat toroq u bankini.
jekk il-kuntrattur li għamel ix-xogħol fi Triq San Tumas tibqa' tippersisti li ma tirranġax il-parti tan-nofs tat-triq

3.2.2 Is-Sindku qal illi rigward ref punt 2.2.3 (yellow lines Triq San Gorg) kien tkellem ma persuna fi Triq San Ġorg pero' l-Kunsillier s-Sur Publio Abdilla u s-Sindku qablu li jmorru flimkien sabiex jaraw minn fejn għandhom jibdew l-yellow lines.

3.2.3 Is-Sindku qal illi ref punt 2.2.4 (*planting scheme*) tal-Cleansing Dept kienu tnaddfu u issa għandhom iċemplu ta' Ambjent Malta sabiex jitħawlu s-siġar skond il-pjanti li kienu tawna.

Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla staqsa nistgħux nweħħlu kameras fil-viċinanza sabiex ma jinsterqux is-siġar meta jitħawlu. Il-Kunsill qabel illi għandna nieħdu stima għal kameras.

3.2.4 Is-Segretarju qalet illi item ref punt 2.2.7 (sqaq Ħannux) flimkien mal-Viċi Sindku kienu marru mal-perit tal-Kunsill ikejlu.

3.2.5 Is-Sindku qal illi ref punt 2.2.8 (Triq il-Feniċi) ix-xogħol kien ikkonfermat illi ser isir.

3.2.6 Is-Sindku qal illi ref punt 2.2.1 (attivita' Blue Light Foundation) diga' kien iltaqa' ma rappreżentanti mill-Blue Light Foundation. Huwa spjega illi għal din l-attivita' ser ikunu mistiedna xi entitajiet affiljati ma' din l-organizzazzjoni u anke oħrajn li mhumiex u li konna għadna qiegħdin nistennew konferma dwar min ser jattendi.

Il-Kunsill iddiskuta l-ġurnata meta nistgħu nistiednu tal-Blood Donation Unit fil-lokal. Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi huma disposti li jattendu nhar il-Ħadd 31 ta' Marzu u jkun abbinat ukoll ma' Jum Ħal Safi.

3.2.7 Is-Sindku qal illi rigward ref punt 2.3.1 rigward il-proġett f'Santiago di Compostela, il-persuna li kien avviċina biex jitla, filfatt ma jistax ikun huwa li jattendi minħabba li ma kienx membru fil-Kunsill. Is-Sindku qal illi għaċ-ċerimonja tal-iffirmar tat-trattat għandu bilfors jattendi xi ħadd li huwa parti mill-Kunsill. Għalhekk, is-Sindku qal illi minħabba li t-tielet sezzjoni ser issir f'Malta, jissuġerixxi illi tattendi s-segretarja tal-Kunsill sabiex tkun tista' tibda taħdem fuq il-loġistika għal meta nkunu ser nilqgħuhom fir-raħal tagħna. Il-Kunsill qabel.

3.2.8 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi ref punt 2.4.2 (sleep over) il-ġranet tal-attivita' kienu ser jinbidlu xi ftit.

3.2.9 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla staqsa lis-Sindku jekk kienx mar jiċċekja rigward (ref punt 2.4.4 Triq tal-Ajzar). Is-Sindku qal illi diġa' kien tkellem mal-ħaddiema tal-Kunsill li daqt għandhom jibdew biż-żebgħa.

3.2.10 Is-Sindku qal illi ref punt 2.5 il-kuntratt għar-restoration tal-Ġnien ta' Ball kien qiegħed *f'standstill period*.

3.2.11 Il-Viċi Sindku s-Sur Francis Callus qal illi l-Festa tan-nar suppost kellha ssir post differenti kull sena, villaġġ wara l-ieħor. Is-Sindku qal li diġa' kien għadda din il-proposta fil-laqgħa tar-Reġjun pero' sakemm titlesta triq il-Kuċċard ma setgħetx issir f'Ħal Safi. Il-Kunsill iddiskuta dan is-suġġett u qablu li hekk kif titlesta Triq il-Kuċċard il-Kunsill japplika sabiex il-festival isir f'Ħal Safi.

3.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

3.3.1 Is-Sindku qal illi l-Pompa tal-Misrah San Gużepp reġgħet kienet bil-ħsara u ma kinitx qiegħda ttella' l-ilma. Is-Sindku qal illi jekk ma jkunx viabli li nirranġaw il-pompa li għandna, jissuġerixxi li mmorru għal pompa ġdida. Il-Kunsill qabel unanimament.

Il-Kunsill iddiskuta alternattivi ġodda sabiex jittella' l-ilma għaliex jekk jirnexxi nkunu qiegħdin nifrankaw ħafna spejjeż għal ilma. Il-Kunsill qabel illi ghandna naraw xi spejjez hemm.

3.3.2 Is-Sindku qal illi kien irċieva talba mill-Ministeru tal-Finanzi għaliex jixtiequ jagħmlu one day tournament u jixtieq li jużaw il-grawnd għal nofstanhar għal skop filantropiku. Is-Sindku issuġerixxa li l-Kunsill jagħti l-approvazzjoni għal dan it-tournament. Il-Kunsill qabel.

3.3.3 Is-Sindku qal illi avvicinah pittur li qiegħed joqgħod Ħal Safi li qiegħed juri x-xewqa illi jagħmel esebizzjoni tal-pitturi tiegħu li huma relatati ma' veduti/postijiet f'Ħal Safi. Is-Sindku ura xi xogħolijiet tal-pittur. Il-Kunsill qabel illi nistgħu ngħidulu jarma waqt Premju Onorefiċenza u waqt l-Attivita ta' Blue Light Foundation.

3.3.4 Is-Sindku qal illi avviċinatu persuna bit-talba sabiex int u tiela' minn Triq San Pawl jitneħħa l-parkeġġ li hemm fuq in-naħa fejn hemm Triq il-Puniċi. Is-Sindku qal illi hemm xi tlett parkeġġi li jekk jitneħħew, min ikun tiela' jkun jista' jibqa' tiela' jekk ma jkun hemm parkjar ta' karozzi. Il-Kunsill ma qabilx illi għandna nneħħu l-parkeġġ.

3.3.5 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi flimkien mas-Sindku kellhom laqgħa ma' rappreżentant mill-kumpanija Faces rigward l-*Bus Shelters*. Hija tat rendikont tal-laqgħa u qalet illi kellha tibgħat b'xi proposta/i fejn nistgħu nżidu xi Bus Shelters ġodda fir-raħal ta' Ħal Safi.

3.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

3.4.1 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi fejn ir-roundabout il-fuq miċ-ċimiterju kien hemm mera tħares l-isfel. Il-Kunsill qabel illi jekk qiegħda bla użu għandna naqilgħuha.

3.4.2 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla staqsa x'konna ser nagħmlu rigward il-ftehim minħabba l-landscaping għaliex issa kien ġej iż-żmien sabiħ fejn għandna niżirgħu l-fjuri jew *hedges* li forsi jagħmel l-akbar sens li niżirgħu minħabba li ma jridux ħafna tisqija.
Is-Sindku qal illi l-kuntrattur kien kkonferma illi kienu ser jibdew bit-tħawwil tal-fjuri fi żmien qarib.

3.4.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet il-Kunsill kien irċieva korrispondenza li ser toħroġ skema fejn il-Kunsill ikun jista' japlika għal fondi sa massimu ta' €10,000 sabiex isir restawr ta' niċeċ jew statwi żgħar mar-raħal. Il-Kunsill qabel illi nistgħu napplikaw sabiex isir ir-restawr tas-salib tad-dejma jew in-niċċa li tinsab fuq id-dar li hemm fi Triq San Pawl. Il-

Kunsill qabel ukoll illi għandna niċċekjaw nistgħux naplikaw jekk nistgħux nixtru statwi għan-niċeċ vojta li hemm fuq iz-zuntier.

3.4.4 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi kienet qed tressaq il-mapep bil-bidliet fil-vleġeġ hekk kif kien rikjest minna għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Il-Kunsil approva l-mapep bin-nodes rispettivi tagħna għal kull triq li ser tinbidel.

3.4.5 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi konna rċievejna korrispondenza minn Reġjun Nofsinhar jistaqsuna jekk nixtiqux nissiebħu mar-Reġjun Nofsinhar fuq sejħa reġjonali li kienu ser joħorġu għal ħatra ta' DPO Reġjonali. Is-Segretarju qalet illi kienet qed tissuġerixxi li ningħaqdu għaliex hekk ikollna persuna aktar teknika fuq id-*Data Protection* li jkun jista' jigwida aħjar.

3.4.6 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi konna rċievejna talba sabiex id-Day Centre jwaħħlu sett tat-televiżjoni fis-sala għall-użu tagħhom. Il-Kunsill iddiskuta l-possibilitajiet fejn jista' jeħel dan is-sett u qabel illi idealment għandu jeħel xi mkien fejn ma jintlaħaqx mit-tfal u jkun ta' periklu u li l-Kunsill mhux ser ikun responsabbli għal xi danni li jistgħu jinqalgħu.

3.4.7 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għal kunsiderazzjoni tal-kunsill sabiex isir kors fuq time management tal-flus u l-ħin, kors b'xejn iffinanzjat mill-PWC b'kollaborazzjoni mad-Dipartiment tas-Saħħa Pubblika. Il-Kunsill qabel illi jekk ikun hawn talba għandna nieħdu sehem f'din l-inizjattiva.

3.4.8 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi konna rċevejna cirkulari mid-Dipartiment għaliex ser ikun hemm fond għaż-żamma u l-manutenzjoni ta' Proġetti Infrastrutturali li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali mis-sena 2017 'l hawn. Il-Kunsill iddiskuta din l-inizjattiva u qabel illi għandna naraw nistgħux naplikaw għal manutenzjoni tal-proġett ta' Misraħ Ħlantun.

3.6 Jum Ħal Safi

3.6.1 Is-Sindku qal illi din is-sena jissuġerixxi li nagħmlu biss is-serata ta' Premju Onoreficenza u ċ-ċelebrazzjonijiet tal-Ħadd biss. Huwa qal illi s-serata tal-Wine & Pizza mhix qed tkun viabli li nibqgħu nagħmluha għaliex mhux qed ikollna konkorrenza għaliha. L-attivita tal-*Sports Day* ikkonfermat illi ser tieħu ħsieb torganizza l-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla. Il-Kunsill qabel.

3.7 Skema Reġjun Nofsinhar

3.7.1 Is-Sindku qal illi r-Reġjun kien ħareġ skema ġdida fejn il-Kunsilli jistgħu jwettqu proġett żgħir u jieħdu s-somma ta' €18,000. Huwa qal illi dawn huma apparti mill-€5,000 li nistgħu nibbenefikaw fuq skema tal-bankini. Is-Sindku qal li għal din l-iskema nistgħu naplikaw fuq il-*pathway* li qiegħdin nagħmlu fi Sqaq Ħannux. Il-Kunsill iddiskuta xi proposti oħra fosthom li naplikaw fuq sistema ġdida sabiex jittella' l-ilma mill-ġibjun li għandna f'Misrah San Guzepp. Il-Kunsill jkun jista' jixtri submersible pump li għaliha jkollna bżonn installazzjoni ta' meter tad-dawl ġdid.

3.8 Korrsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

Il-pagamenti ġew diskussi u approvati unanimament.

3.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa ntemmet fil-5.55 pm. Laqgħa li jmiss ser tkun nhar it-Tlieta 12 ta' Marzu, 2019 fit-5:00pm.

| | |
|---|---|
| Johan Mula | Doris Baldacchino |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |